MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 383/2003

**J. F. Holdings Limited**

**vs**

**Carmel u Veronica sive Monica konjugi Debono**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, erba' mija u tmintax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu (Lm2,418.85) bilanc minn somma akbar rapprezentanti prezz ta' truck Renault bin-numru ISW 200 li qabel kellu n-numru N569 ANU mibjugh u kkonsenjat lill-konvenuti skond skrittura privata, kopja ta' liema hija annessa bhala dok A.

Bl-ispejjez u l-imghax kummercjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fis-16 ta’ Ottubru, 2003, meta gew pprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------